MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 205/2013

**Mobisle Communications Ltd (C24655)**

**vs**

**John Patrick Dowd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Lulju 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta’ hamest elef, mija u hamsa u sittin ewro u hdax-il centezmu (€5,165.11) liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari (numru 79865848) bl-akkont numru 50993739 moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall John Francica datat 27 ta' Novembru 2013 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, kif ukoll fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema (fol. 17 tergo).

Rat illi l-konvenut gie notifikat ukoll b'avviz li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-12 ta' Dicembru 2013 u avviz li deher fil-Gazzetta Lokali Times of Malta nhar it-2 ta' Jannar 2014.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Frar 2014.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici u ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukata difensura tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest elef, mija u hamsa u sittin ewro u hdax-il centezmu (€5,165.11) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------